**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Tletin (35) – Laqgħa b'urġenza**

**24 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

35.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**35.2 Approvazzjoni tar-rapporti tal-aġġudikazzjoni tat-*tenders* għax-xogħol fi Triq Għajn Wajtar u l-installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa**

35.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill ikun jista' japprova formalment iż-żewġ rapporti tal-bordijiet tal-aġġudikazzjoni għall-offerti pubbliċi tax-xogħol ta' manutenzjoni bil-*concrete* fl-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar u l-installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa.

35.2.2 Fir-rigward tal-offerta pubblika għax-xogħol ta' manutenzjoni bil-*concrete* tal-aħħar ta' parti ta' Triq Għajn Wajtar, il-bord tal-aġġudikazzjoni qed jirrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-kuntrattur Peter Paul Said li kellu l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

35.2.3 Fir-rigward tal-offerta pubblika għax-xogħol ta' provvista u installazzjoni ta' fanali ġodda għall-*belvedere* tal-Qaċċa, liema xogħol ser ikun iffinanzjat minn fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-bord tal-aġġudikazzjoni qed jirrakkomanda li din il-offerta tingħata lill-kuntrattur Richard Cauchi li kellu l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

35.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.55pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit** **Ivan Attard**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**